**6 ta' Gunju, 1964**

***Imħallef:***

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Mary Oliva

*versus*

Maria Camilleri

**Inkompetenza "ratione valoris" — Valur indeterminat — Rahan — Dritt ta' ritenzjoni — Male fede — Art. 748 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 2068, 2072, 2073 u 2083, Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-valur involut f'kawża jkun indeterminat jitqies dejjem illi jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.*

*Sabiex jista' jingħad li jeżisti rahan trid jirriżulta li l-partijiet riedu jagħmlu bejniethom dina l-forma ta' kontrattazzjoni li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu, sabiex jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni, ħaġa korporali mobbli.*

*Meta r-rahan isir skond il-liġi jagħti lill-kreditur id-dritt illi jitħallas minn fuq il-ħaġa mirhuna bi privileġġ fuq kredituri oħra.*

*Ir-rahan jista' jiġi mogħti minn terza persuna għad-debitur.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress illi l-attriċi kienet ikkonsenjat lill-konvenuta biex iżżommhomlha żewġ coats, libsa tal-bellus u raincoat proprjetà tal-attriċi u peress illi l-konvenuta qegħda tirrifjuta li tikkonsenja lura lill-attriċi l-imsemmija oġġetti — talbet illi l-konvenuta tiġi kundannata minn din il-Qorti tikkonsenja lill-attriċi l-oġġetti msemmija proprjetà tal-istess attriċi, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha tgħid illi in linea preliminari din il-Qorti mhix kompetenti ratione valoris; illi fil-meritu, u mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni, id-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-oġġetti li l-attriċi tat lil Camilleri kienu bħala rahan ta' flus lilha dovuti;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione valoris" sollevata mill-konvenuta ma tidhirx fondata għaliex it-talba għandha bħala oġġett il-konsenja ta' effetti mobbli ta' valur indeterminat, u għalhekk il-valur involut jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni limitata (art. 748 (1), (2) (c)). Del resto mid-deposizzjoni tal-attriċi jirriżulta li l-oġġetti li tagħhom qegħda tirreklama r-restituzzjoni jissuperaw il-valur ta' għoxrin lira; u billi l-kompetenza hija radikata mid-domanda, anqas ma huwa l-każ li dina l-Qorti tippronunzja ruħha dwar temperament fil-kap tal-ispejjeż, għaliex dana l-każ jiġri biss, meta l-valur indeterminat fil-mertu jirriżulta inferjuri għal dak rikjest biex tiġi radikata l-kompetenza ta' dina l-Qorti;

Għalhekk tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione valoris", sollevata mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Ikkunsidrat:

Li fil-meritu ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-effetti reklamati mill-attriċi; però l-konvenuta qegħda topponi r-restituzzjoni fuq il-motiv li dawna l-effetti kienu ġew lilha konsenjati mill-attriċi bħala rahan ta' flus lilha dovuti b'sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' April, 1963 fl-ismijiet "Maria Camilleri vs. Mary Oliva".

Ikkunsidrat:

Li skond id-deposizzjoni tal-attriċi (fol. 17) il-ħwejjeġ in kwistjoni kienu qegħdin fid-dar tat-tifla tagħha, li kienet lilha

mikrija mill-konvenuta u l-istess konvenuta qablet ma dina l-versjoni tal-attriċi u marret aktar 'il hemm billi spjegat b'dawna l-kliem kif ġew f'idejha l-imsemmija ħwejjeġ (fol. 22): "Fejn kienet toqgħod it-tifla kien hemm xi ħwejjeġ, u jiena poġġejthom ġo bagalja u ħadthom id-dar; jiena billi kienu fil-post ħsibthom tat-tifla u ħadthom......il-ħwejjeġ qegħda nżommhom f'idejja bħala rahan sakemm nitħallas tal-kera". Qabel xejn għalhekk, għandu jiġi eżaminat il-pont jekk kif tinsab formulata t-talba, tikkorrispondix għar-riżultanzi tal-proċess. Infatti fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-attriċi qablet li dawna l-ħwejjeġ kienet ikkonsenjathom hija stess lill-konvenuta; quddiem l-avukat ta' Fqar, imbagħad, l-attriċi kienet qalet li dawna l-ħwejjeġ kienet ikkonsenjathom lill-konvenuta biex iżżommhomlha, għaliex fejn kienet toqgħod kien hemm l-umdità. Issa, taħt dawna ċ-ċirkostanzi u tenuto conto l-istess deposizzjoni tal-konvenuta, dina l-Qorti, ma tistax taqbel mal-eċċezzjoni tal-istess konvenuta li l-ilbiesi in kwistjoni ġew konsenjati lilha mill-attriċi bħala rahan.

Infatti, biex jista' jingħad li hemm rahan irid jirriżulta li l-partijiet riedu jagħmlu bejniethom dina l-forma ta' kontrattazzjoni, li bih id-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu, biex jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni, ħaġa korporali mobbli eċċ. (art. 2068 Kod. Ċiv.). Irriżulta li d-dejn anqas ma kien tal-attriċi, iżda ta' bintha li kienet l-inkwilina tagħha; u l-proċedura wżata mill-konvenuta mhix tali li tagħti assigurazzjoni li l-konsenja tal-ħwejjeġ f'idejha saret mill-attriċi volontarjament anzi irriżulta li kif iddikjarat l-istess konvenuta, l-attriċi ġiet spossessata minn ħwejjiġha meta dawna kienu għand bintha, u biex nieħdu anki l-versjoni tal-attriċi, ġew mogħtija lilha biex iżżommhomlha imħabba l-umdità. Ġie infatti ritenut, fuq il-prinċipju ġenerali li jirregola l-prestazzjoni tal-kunsens f'materja ta' kuntratti, li l-usurpazzjoni ma timplikax il-kunsens, u fil-każ ta' rahan "è lo stesso debitor che si sveste volontariamente della cosa, e non forzato da atti......" (Kollez. XXVII, iii, 435).

Inoltri, ma jirriżultax pruvat li kien hemm xi dejn fil-konfront tal-attriċi li kellu jiġi garantit bl-obbligazzjoni tar-rahan. Il-konvenuta kellha tesibixxi s-sentenza skond verbal tat-12 ta' *Frar, 1964 li minnha kellha tirriżulta l-allegata kanonizzazzjoni tal-kreditu tagħha*; iżda wara diversi differementi dina l-prova ma ġietx prodotta, u għalhekk, quddiem dina l-Qorti qiesa ma teżistix; anzi wieħed għandu jifhem li l-pretis kreditu tal-konvenuta mhuwix attendibbli, billi fid-dikjarazzjoni allegat li għandha tieħu £10, mentri fix-xhieda tagħha qalet li għandha tiegħu £7 kera u £1 self. *Għalhekk anki taħt dana l-*aspett il-pretensjoni tal-konvenuta ma tistax tiġi milqugħa, għaliex fejn ma hemmx dejn ma jistax ikun hemm rahan.

Ir-rahan, meta jsir skond il-liġi jagħti lill-kreditur id-dritt li jitħallas minn fuq il-ħaġa mirhuna bi privileġġ fuq kredituri oħra (Kollez. XXXIII, i, 149). Mhuwiex għalhekk anqas konċepibbli li jitwieled dana l-kreditu privileġġat meta ma jeżistix dejn għaliex il-ħaġa tad-debitur hija l-garanzija tal-kreditur, u mhuwiex leċitu li wieħed jimpossessa ruħu minnha u jakkompa fuqha titolu pegnoratizju, a preġudizzju ta' kwa*lunkwe eventwali persuna oħra li tista' tkun realment kredit*riċi, meta din il-pretensjoni mhix radikata fuq titolu li jagħti lok għal dana l-kuntratt.

Ikkunsidrat:

Li huwa veru li skond il-liġi r-rahan jista' jiġi mogħti minn terza persuna għad-debitur art. 2072, 2073 Kod. Ċiv.). Però, fil-każ preżenti anqas ma ġie pruvat li dana r-rahan ġie konsenjat lill-konvenuta mit-tifla tal-attriċi li kienet debitriċi ta' kera lejn il-konvenuta. A parti l-fatt, li mhuwiex il-każ li l-operazzjoni in kwistjoni tiġi definita bħala rahan, jibqa' dejjem li l-effetti ta' dina d-disposizzjoni tal-liġi, f'kwalunkwe każ, mhuwiex applikabbli meta jinstab li kien hemm mala fede filpersuna li irċeviet il-ħaġa (art. 2073 (2) (a) Kod. Ċiv.; Kol-

lez. XXXVIII, 535; XXV, iii, 805).

Li fil-każ preżenti, ma jistax jingħad li l-aġir tal-konvenuta kien ta' persuna in buona fede,

1) għaliex kienet taf li d-dejn ma kienx tal-attriċi;

2) għaliex ħadet il-ħwejjeġ jew mingħajr kunsens tal-attriċi (ara versjoni konvenuta) jew intervertiet it-titolu mingħajr kunsens tal-attriċi meta dina kkonsenjathomlha biex iżżommhomlha *kif* fuq ingħad. (ara versjoni tal-attriċi).

3) għaliex fiż-żewġ każi l-approprjazzjoni jew il-vjolenza huma elementi ċerti li minnhom tiġi desunta l-malafede. F'dina l-materja ta' rahan il-Qrati tagħna waslu sal-pont li jirritjenu in malafede u anki ħati ta' serq is-sid li taħt ċerti ċirkostanzi japproprja ruħu mill-ħaġa, avvolja dik il-ħaġa hija tiegħu (Kollez. XXXII, iv, 596).

Ikkunsidrat:

Li huwa veru li kieku qegħdin f'materja ta' rahan il-privileġġ tal-konvenuta "super investis et illatis", bħala sid il-kera jibqa' jissussisti anki jekk ma tkunx in buona fede, iġifieri anki jekk jiġi pruvat li l-lokatriċi setgħet kienet taf li l-oġġetti introdotti fil-fond lokat, ma kienux tal-inkwilina iżda ta' l-attriċi, u dan jingħad dejjem fl-ipotesi li l-konvenuta seta' kellha raġun biex tesegwixxi l-kreditu tagħha fuq l-oġġetti pignorat (Kollez. XVI, 246; XXXI, i, 683; XXXVII, i, 458).

Ikkunsidrat:

Li lanqas għat-talba tal-attriċi ma tista' tiġi opposta d-disposizzjoni tal-artikolu 2083 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex il-konvenuta m'għandhiex id-dritt tirritjeni il-ħwejjeġ li mhumiex

*proprjetà tad-debitriċi tagħha*: "il diritto di ritenzione è un diritto che compete contro il debitore, e che si esecita nei rapporti fra creditori e debitori, e non già fra creditori e terzi" (Troplong, Pegno, 455; Ricci Vol. IX, 284; Kollez. III, 88).

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwilha, fiż-żmien tmint ijiem, il-ħwejjeġ reklamati fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jibqgħu u karigu tal-konvenuta.